# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 21 ta' Frar 2002**

**Numru**

**Avviz numru 174/01**

**Paul Barbara**

**vs**

**Saviour Abela**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm102.75 (mija u zewg liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu) rapprezentanti danni li l-konvenut Saviour Abela kkaguna fl-incident datat 29 ta' Dicembru 2000 meta l-istess konvenut b'negligenza, traskuragni u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku, saq il-VAN Ford Transit tieghu bin-numru ta' registrazzjoni BAG 641 fuq il-VAN ta' l-attur Dacia bir-registrazzjoni GAI 013 u kkaguna hsarat fil-vettura ta' l-attur.

Bl-ispejjez.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn qal illi l-incident meritu tal-kawza sehh unikament minhabba fit-traskuragni tal-attur u ghalhekk l-konvenut ma huwiex responsabbli ghal tali incident.

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-valur reklamat huwa esagerat.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema' ix-xhieda, ra d-dokumenti esebiti, u t-trattazzjoni orali.

Ikkonsidera:

Illi sitwazzjoni simili hija rinfaccjata spiss mit-Tribunal. Testimoni okulari ma kienux prezenti. Lanqas ma wiehed jista jghid li r-rapport tal-Pulizija huwa xi wiehed illuminanti. L-attur jallega li gia kellu l-bieba miftuha meta l-konvenut saq (vide xhieda seduta tal-4 ta' Mejju 2001). Da parti tieghu, il-konvenut jghid li kien ipparkjat "alongside" xi zewg piedi l-barra minn dik tal-attur, saq fid-dritt xi zewg piedi u jisma hoss minn wara. Fil-mument tal-habta, l-attur kien magenb il-

vettura, izomm il-bieba min fuq - Ghalfejn kien bejn ix-xifer tal-bieba u l-van?.

Jirrizula li l-attur fetah il-bieba wara li l-konvenut startja u saq. Veru li seta' ihares fil-mirja izda ma kellux ghalfejn ghaliex kien hemm spazju ta' zewg piedi bejn z-zewg vetturi, u kien ser isuq fid-dritt. Il-bieba nfethet mill-attur wara li l-konvenut beda jsuq. Ghalhekk l-attur kien hdejn il-vettura, izomm il-bieba "minn fuq". L-attur irrealizza li bil-bieba miftuha, kif kienet, setghet tintlaqat mill-konvenut. Ghalhekk beda jzommha minn fuq ghax kieku kien qed izommha mill-genb, il-van tal-konvenut kien jigbidlu jdejh ukoll.

Kien l-istess attur li kkreja inutilment l-okkazzjoni biex il-konvenut jolqotlu l-bieba. Seta' facilment ihalliha tghaddi u kien jiftah il-bieba.

Ghal dawn il-ragunijiet, it-Tribunal jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra tieghu.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**